# 50 SENA ILU

# IL-WAQGĦA TA' L-ISTATWA TA' SAN ĠORĠ TAŻ-ŻIEMEL

Bla dubju ta' xejn waħda mill-isbaħ opri li jżejnu t-toroq ta' beltna fil-jiem tal-festa, hija l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż–żiemel li ssebbaħ Misraħ San Franġisk. Nibdew biex ngħidu li l-istatwa oriġinali kienet xogħol l-istatwarju magħruf Vincenzo Maria Cremona li għex bejn l-1851 u l-1912. Din l-istatwa nħadment fil-ħanut tax-xogħol tiegħu ġewwa "Strada Cattedrale" tas-Sliema fis-sena 1906. Meta tlestiet inġarret lejn ir-raħal fuq l-ispalel mill-irġiel Qriema, ġranet qabel il-festa u ġiet milqugħa f'Ħal Qormi b'ferħ kbir.

Fil-bidu, din l-istatwa ta' San Ġorġ jissara mad-dragun kienet tintrama fuq il-palk tal-banda f'Misraħ San Franġisk faċċata tal-Kappella ta' San Franġisk, quddiem il-ħanut tax-xorb li ħafna anzjani għadhom jiftakruh "Tan-Nemlu", illum il-"Wings Boutique". Biex l-istatwa kienet tittalla' f'dak l-għoli, kienu jintużaw strippi bit-twavel fuqhom u jsir forma ta' taraġ sabiex l-istatwa titla' tarġa tarġa. Dan ix-xogħol baqa' jsir sas-snin tletin meta nsibu li l-Kumitat tal-Festa kien approva li jsiru tiswijiet fuq dan il-palk. Għal xi raġuni jew oħra, wara s-snin tletin, dan il-palk sabiħ ma baqax jintuża aktar u biż–żmien spiċċa għal kollox għajr xi bċejjeċ ta' skultura li llum jinsabu fil-Mużew tal-Parroċċa.

Sabiex l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel tibqa' tintrama kien meħtieġ li jsir pedestall ġdid. Għalhekk ġie nkariġat l-artist Giuseppe Muscat ta' Birkirkara biex jiddisinja pedestall. Fil-fatt, dan il-pedestall ġie mżanżan fil-festa ta' l-1936. Ix-xogħol ta' l-injam ta' dan il-pedestall sar mill-imgħallem Salvu Bugeja li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu f'remissa fi Triq San Bartilmew, sewwa sew faċċata ta' fejn illum hemm il-knisja l-ġdida ta' San Bastjan. Il-bravu Salvu Bugeja, magħruf bħala s-"Siġġiewi" kien joqgħod fi Triq San Bartilmew. Salvu kien dilettant ta' l-orkestra u kien imdaħħal fl-"Orchestra San Francesco". Hu kien idoqq il-mandolina.

Intant, biex jittalla' San Ġorġ fuq dan il-pedestall għoli, flok antarjola waħda, kif nafuh illum, kienu jintużaw tnejn, waħda fuq kull naħa tal-pedestall u jintrabtu f'forma ta' grabja għal mal-frontispizju tal-Kappella ta' San Franġisk. Waħda minn dawn l-antarjoli kienet ftit itwal mill-oħra u għalhekk kienet tintrabat in-naħa tal-Kappella tal-Lunzjata biex b'hekk kien jintrebaħ id-diżvell tal-misraħ. Mat-tarf tagħhom kienet tintrabat il-pastiega u permezz tal-ħbula miġbuda min-nies, l-istatwa kienet tittalla' fuq il-pedestall.

Dwar kif kien jitla' San Ġorġ fuq il-pedestall tkellimt mas-sur Salvu Debono, dilettant kbir tal-festa ta' San Ġorġ u li dak iż–żmien kien ukoll membru attiv fil-Kumitat Festi Esterni u nkarigat l-aktar fuq l-armar tal-festa. Salvu qalilna li hu kemm-il darba wera x-xewqa li jinbidel il-mod ta' kif kien jittalla' San Ġorġ fuq iż–żiemel. Iżda, peress li qatt ma nqala' xejn, baqa' ma nbidel xejn u kollox baqa' kif kien. Saħansitra f'seduta tal-kumitat tqajmet din il-kwistjoni. Il-kumitat għalhekk kien talab il-parir ta' żewġ mgħallmin - wieħed mill-Birgu ried li jbiddel l-apparat għal ħlas ta' disgħin lira u ieħor minn Bormla li ried ħlas ta' mitt lira għall-istess xogħol. Dawn it-tnejn riedu li l-istatwa titla' minn wara tal-pedestall, li jfisser li l-ewwel l-istatwa riedet tittalla' bl-idejn fuq iz-zuntier ta' San Frangisk. Ma kienx hemm qbil u kollox baqa' kif kien.

San Ġorġ fuq iż–żiemel baqa' jittalla' bl-istess mod tas-soltu. Nhar it-Tlieta tal-festa, is-17 ta' Mejju 1949, tard wara nofs in-nhar, bħal snin oħra nġabru bosta nies f'Misraħ San Franġisk, sabiex bħas-soltu jassistu għat-tlugħ ta' l-istatwa fuq il-pedestall. Huwa tajjeb li ngħidu li fil-bidu ta' dan is-seklu, Misraħ San Franġisk kien mimli bl-attivita' u kien meqjus bħala ċ-ċentru ta' Ħal Qormi. Dan li qed ngħid jixhdu n-numru ta' ħwienet u negozji li konna nsibu kemm fil-misraħ kif ukoll fil-viċin. Fost l-oħrjan konna nsibu ċ-'Ċircolo San Francesco' (ta' l-orkestra), il-'Casino Nazzionalista', il-Każin tal-Banda San Ġorġ, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod l-ispiżerija 'Spiteri', kif ukoll l-għassa tal-pulizija, u l-posta. Fl-istess misraħ kien hemm il-ħanut tax-xorb 'St. Francis Bar' magħruf bħala 'Taċ-Ċinċwina', iċ-'Churchill Bar', 'Ta' Żożu', il-ħanut tax-xorb 'Ta' Fonzu', il-barbier magħruf bħal 'Tal-Ħoxi', il-'Pinto City



**San Ġorġ fuq iż-żiemel (ritratt meħud wara l-gwerra). Fil-ġenb jidher il-bieb minn wara tal-bokka tax-xelter. Il-pedestall preżenti żżanżan fl-1936 fuq disinn ta' Ġużeppi Muscat.**

Bar', 'Tan-Nemluwa' li kellu anke pompa tal-petrol u t-tromba tar-Redifussion fuq barra, il-ħwienet tax-xorb ta' Manwel Pikanti jew 'Ta' Gaxxulli', 'Ta' Kalanċ', 'Ta' Lola', 'Ta' Felic', u Ġorġ Barbara 'Ta' Perpiera' fil-bidu ta' Triq San Franġisk. Insibu wkoll illi l-venda tal-karozzi tal-linja bit-tabella 'ST. FRANCIS' u l-ħanut tal-kummissjonant tal-funerali ta' Pawlu Debono 'Ta' Nora' kienu wkoll fl-istess misraħ. Wara l-ħin tax-xogħol dan il-post kien ikun mimli bin-nies li wara l-jum tal-ħidma kienu jintasbu hemm l-aktar għad-dell fuq it-taraġ ta' quddiem il-kappella ta' San Franġisk. Dan juri kemm dan il-post kien minn dejjem il-qalba tar-raħal. Tant hu hekk li l-ewwel bozza elettrika li nxtegħlet f'Ħal Qormi kien propju f'nofs dan il-misraħ sewwa sew ħamsa u sebgħin sena ilu, nhar is-17 ta' Diċembru 1924.

Tajjeb ukoll li nfakkru li l-ewwel palk tal-Banda jew orkestra żżanżan f'dan l-istess misraħ fis-sena 1868. Dan il-palk fost l-ewlenin ta' Malta nħadem minn Ġorġ Cachia magħruf bħala 'l-Botna'. Dan kien magħmul f'forma ta' skorfina u l-għoli għandu forma ta' piramida.

Nerġgħu niġu għal nhar it-Tlieta tal-festa 1949. Hekk kif l-istatwa ta' San Ġorġ kienet quddiem il-pedestall u l-irġiel u ż–żgħażagħ bdew jiġbdu l-ħbula u l-istatwa bdiet tielgħa u laħqet l-għoli ta' bniedem, inqatgħet iċ-ċima li kienet torbot iż-żewġ antarjoli flimkien mal-faċċata tal-kappella u niżel kollox f'nofs il-misraħ fost fixla u biża' kbir. L-antarjoli laqtgħu u qatgħu minn żewġ naħat il-*wire* tad-dawl li miegħu kienet tinstab il-bozza f'nofs il-misraħ u niżel kollox fl-art b'tisbita kbira.

Kienet diżgrazzja bi grazzja, għax għan-nies li kien hemm miġbura kienet il-ħniena t'Alla u l-id tal-patrun San Ġorġ li ma kinetx traġedja ikbar. F'dan l-inċident weġġgħu Leli Muscat 'Il-Boġu', u Ġużeppi Fenech 'Il-Balalajka'. L-istatwa kienet tfarrket, l-iktar iż–żiemel u d-dragun, li mat-tisbita tgħaffġu.

Minn tagħrif li rnexxieli nsib jirriżulta li l-kawża ta' dan l-inċident kien li ntużat biċċa ċima (ħabel) li kien tħalla fuq il-bejt tal-kappella ta' San Franġisk għal żmien twil fix-xemx. Din iċ–ċima, għalkemm fl-

apparenza kienet tidher tajba, fil-fatt kienet bla saħħa għax inħarqet bix-xemx u għalhekk, ma' l-inqas skoss, din ċediet u nqatgħet.

F'Ħal Qormi, mhux ta' b'xejn insibu l-ikbar numru ta' statwi tal-kartapesta, għax tul dan is-seklu kellna bosta Qriema f'dan il-mistier bħal Ġużeppi Cilia (il-Bellettu) u Karmnu Mallia(il-Lhudi). Wara l-mewt ta' Karmnu l-Lhudi fit-3 t'April 1931, ibnu Xandru ħa s-sengħa ta' missieru. Fil-fatt insibu li Xandru rrestawra tista' tgħid l-istatwi kollha li jintramaw fil-festa ta' San Ġorġ. Għalhekk kienet ħaġa ovvja li wara din it-traġedja marru jiġru għand Xandru biex jagħmlilhom pjaċir u jsewwi din l-istatwa.

Żmien sal-festa ma kienx fadal, iżda fuq l-insistenza tal-membri tal-kumitat u d-dilettanti ta' l-armar, Xandru telaq minn idejh, għalaq ir-remissa tiegħu u mar fil-maħżen ta' l-armar f'numru 49 Triq tal-Blat sabiex isewwi din l-istatwa. Huwa beda jżarma u jaqla' l-biċċiet imkissra, waħħal is-seratizzi u l-ħadid biex jerġa' jwaqqaf iż-żiemel fuq saqajh. Xandru kien bniedem li jħobb il-qatra u biex jagħmlulu kuraġġ, ta' l-armar ma ħallewhx nieqes mill-qatra. Bil-flixkun ħdejh u bis-sigarru f'ħalqu ħadem fuq l-istatwa għal erbat ijiem lejl u nhar sa ma rnexxielu jarmah u jkun ta' quddiem in-nies. L-istatwa sabet postha fuq il-pedestall nhar il-festa fit-22 ta' Mejju.

Insibu li wara l-festa, il-kumitat minnufih inkariġa lil Salvu Debono biex jieħu l-inkariġu ta' l-apparat sabiex jittalla' San Ġorġ fuq iż–żiemel mingħajr ebda periklu. Għal Salvu issa kien il-waqt li jirranġa l-apparat kif dejjem xtaq, issa kien awtorizzat li jagħmlu kif kienet l-idea tiegħu. Sa minn tfulitu, Salvu kien ħaddiem ix-xatt u kien imħarreġ sew fit-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija minn fuq il-bastimenti għall-art. Għalhekk, malajr mar għand il-ħaddied Ninu Sammut, magħruf bħala 'San Ġużepp', biex irranġalu l-ħadid li kellu bżonn. Saru ħbula ta' l-azzar u flok żewġ antarjoli bdiet tintuża waħda fin-nofs, fuq wara fuq fus tal-ħadid imdaħħal fl-art. Biex inbidel l-apparat l-ispiża kienet ta' żewġ liri u nofs peress li ħafna mill-materjal kien jinstab fil-maħżen u ħafna mix-xogħol sar bla ħlas.




**San Ġorġ fuq iż-żiemel - xogħol oriġinali ta' Ċensu Cremona li sar fl-1906. Għadu kemm ittella' fuq il-palk tal-Banda mid-dilettanti ta' l-armar faċċata fejn jintrama llum.**

Kif miftiehem wara l-festa, l-istatwa ttieħdet għand Xandru Mallia f'numru 178 Strada Reale San Giorgio, ħdejn l-istatwa ta' San Pawl. Delegazzjoni mill-Kumitat Festi Esterni magħmula fosthom mis-segretarju Ġorġ Azzopardi, il-kaxxier Dun Lawrence Saliba u Ġorġ Baldacchino 'Tal-Paċċ' ftiehmu miegħu li jsir dak kollu li kien meħtieġ biex l-istatwa ssir ġdida. Qabel ma beda x-xogħol, Dun Lawrence, bħala kaxxier ta żewġ pagamenti lil Xandru sabiex ikun jista' jixtri l-materjal meħtieġ. Sar mill-ġdid il-qafas jew il-vażа ta' l-injam ta' l-istatwa. Fir-rendikont tal-festa 1949/50 insibu li l-aħħar pagament biex ġiet irrestawrata din l-istatwa kien imqassam hekk: id-ditta "Forestals" tħallset is-somma ta' ħmistax-il lira, ħmistax-il xelin u sitt soldi (L15-15s-6d) għat-twavel u seratizzi. Għax-xogħol tal-mastrudaxxa, biex saret il-vaża, tħallset is-somma ta' sbatax-il lira (L17-00s-0d) waqt li biex ġiet irranġata l-istatwa u nżebgħet, Xandru Mallia ħa s-somma ta' tmienja u tletin lira biex b'kollox il-kumitat ħareġ is-somma ta' sebgħin lira, ħmistax-il xelin u sitt soldi (L70-15s-6d).

L-istatwa li hemm illum ma baqgħetx dik li sawwar Ċensu Cremona, kemm minħabba dan l-inċident kif ukoll minħabba diversi ħsarat li saru matul is-snin. Biss xorta waħda għadha statwa sabiħa li ssebbaħ Misraħ San Franġisk fil-jiem tal-festa.

Ta' min jgħid li meta Salvu Debono pprova l-apparat il-ġdid, l-istatwa bdiet tagħmel il-piż u tmil fuq naħa waħda. Għalhekk, fuq in-naħa ta' ras id-dragun ħtieġlu jirranġa l-ħbula b'tali mod li jibbilanċja l-piż u b'hekk l-istatwa tibqa' dritta.

Meta s-sena ta' wara, fil-jiem tal-festa ġiet biex terġa' tittalla' l-istatwa, din id-darba kien inkarigat Salvu. Bħas-soltu nġabru ħafna nies, min għall-okkażjoni u xi wħud għall-kurżita'. Xi wħud li s-soltu kienu jkunu fuq quddiem baqgħu lura, forsi għax beżgħu u ma ridux ikollhom x'jaqsmu. U sakemm l-istatwa sabet postha, kulħadd baqa' lura u fl-istess ħin fuq ix-xwiek, iżda kif l-istatwa telgħet b'wiċċ il-ġid, kulħadd infexx f'ċapċipa waħda u bdew jifirħu lil Salvu u jagħtuh il-prosit.

Għaddew ħamsin sena minn din il-ġrajja, u l-istess mod u l-istess apparat li sar għadu jintuża biex San Ġorġ fuq iż-żiemel jitla' fuq il-pedestall b'tant pompa. Illum it-tlugħ ta' din l-istatwa jsir wara marċ mat-toroq tar-raħal fit-tieni jum tat-tridu. Il-mod li tittalla' din l-istatwa jirrekjedi bosta xogħol. Saru bosta suġġerimenti biex tittella' b'mezzi aktar moderni, iżda d-dilettanti ta' l-armar qatt m'għaddielhom minn moħħhom li jibdlu l-mod u l-apparat li sar ħamsin sena ilu, u dan minkejja t-teknoloġija moderna ta' żmienna. Illum ħamsin sena wara dan l-inċident, San Ġorġ fuq iż-żiemel għadu jitla' b'dan il-mod waħdieni f'pajjiżna.

***Pawlu Sammut.***


Grazzi lil kull min ta sehmu bil-kitba, bil-korrezzjonijiet, xogħol fuq il-*computer* u lill-Veritas Press.

**GRAZZI LIL**
Ġorġ Cardona, Ġorġ Schembri u Michael Muscat li ħadu ħsieb il-ġbir tar-riklami għal dan il-fuljett.

Grazzi lil dawk kollha li għoġobhom jirriklamaw f'dan il-fuljett. Inħeġġukom biex tagħmlu użu mis-servizz ta' dawk li jidhru r-reklam tagħhom f'dan il-fuljett.

*Kumitat Festi Esterni*




HATS FOR ALL OCCASSIONS
FOR HIRE AT A REASONABLE PRICE
Swagger Boutique
170, Victory Street, Qormi
Tel: 486308